MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Numru. 528/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**MOHAMAD EZEDIN G ZWEIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mohamad Ezedin G Zweit, ta' 22 sena, bin Ezedin u Kamila nee' Ilaib, imwieled Gharian Libja nhar it-28 ta' Mejju, 1989, residenti 28, Mon Riev, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gzira u detentur ta' passaport Libjan bin-numru 276229.

Gie akkuzat talli

1. Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Novembru, 2011 ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' filghodu gewwa l-Qawra, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Musa Ali Farag El Tuba f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta u bil-ponta lill-imsemmi Musa Ali Farag El Tuba, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghhu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, permezz ta' l-istess daqqa ta' strument li jaqta u bil-ponta, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Musa Ali Farag El Tuba hekk kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta u bil-ponta, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe ta' Musa Ali Farag El Tuba jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-imsemmi Musa Ali Farag El Tuba minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li jinsabu a fol. 132 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li-l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 31, 533, 41(1)(b), 221, 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kap. 9 u l-artikoli 6, 51(7), 55, 56 u 57 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Mohamad Ezedin G Zweit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Mohamad Ezedin G Zweit ghall-piena komplessiva ta' tlett (3) snin prigunerija u mitt Ewro (Ewro 100) multa.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Musa Ali Farag El Tuba ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Mohamad Ezedin G Zweit sabiex fi zmien tlett (3) snin millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elfejn, mitejn u disgha u hamsin Ewro u tlett (3) centezmi ta' Ewro (Ewro 2259.03) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. BG 1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------